# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 16 ta' April, 2002 .**

**Citazzjoni numru : 48/1994G2(PC)**

Amelia, Anthony, Mary u Josephine ahwa Spiteri .

vs

Loreto sive Lorry Spiteri, u martu Doreen Spiteri .

Il-Qorti ,

Rat ic-Citazzjoni li permezz taghha l-atturi, wara li ppremettew:

Illi f'diversi okkazjonijiet l-atturi kienu silfu lill-konvenut is-somma globali ta' sbatax-il elf erba' mija u sitta u sebghin lira maltija (Lm17,476); illi minnhom hu hallas lura total ta' tmint elef erba' mija u tmintax-il-lira maltija (Lm8418), filwaqt illi qieghed jirrifjuta illi jhallas il-bilac jew jirrikonoxxi li attwalment hu debitur tal-atturi f'dan l-ammont ;

Illi l-atturi jridu jithallsu dan l-ammont ta' disat elef tmienja u hamsin lira maltija (Lm9058) illi l-konvenuti ghad fadlilhom jaghtuhom .

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjarahom debituri fil-konfront tal-atturi fl-ammont ta' disat elef tmienja u hamsin lira maltija (Lm9058) ;

2. Tikkundannahom ihallsu lill-atturi din is-somma .

Bl-interessi legali fuq din l-istess somma b'effett mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Frar 1994 sad-data tal-pagament effettiv .

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha debitament imsejjha .

Bl-ispejjez .

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi debitament ikkonfermata bil-gurament ta' Mary Spiteri .

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti li eccepew illi :

1. L-eccipjenti mhumiex debituri lejn l-atturi fl-ebda somma minnhom pretiza u l-flus li kienu gew lilhom mislufa fis-somma totali ta' tmint elef erba' mija u tmintax-il lira maltin (Lm8,418) gia gew restitwiti in toto ;

2. Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom .

3. Salvi eccezzjonijiet fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti mahlufa minn Loreto Spiteri .

Rat id-digriet taghha ta' l-14 ta' Gunju 1994 li bih gie nominat l-avukat Dottor Alfred Grech bhala perit legali sabiex jiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici fid-dawl ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti .

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess perit legali pprezentata fl-24 ta' April 2000 u minnu mahlufa fis-27 ta' Ottubru 2000 .

Rat in-Noti ta' l-Osservazzjonijiet tad-difensuri rispettivi tal-kontendenti dwar din ir-relazzjoni .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawza l-atturi qeghdin jirreklamaw minghand il-konvenuti l-bilanc minn somma akbar illi huma jikkontendu li kienu selfuhom fl-okkazzjoni li dawn ta' l-ahhar kienu qeghdin jibnu d-dar taghhom f'Ghajnsielem . Il-konvenuti jichdu li ghad baqaghlhom jirrifondu xi flus lill-atturi. Filwaqt illi jammettu li l-atturi, ilkoll zijiet paterni tal-konvenut, kienu hallsulhom minn taghhom ghal xi materjal u xoghol li kien mehtieg sabiex itellghu d-dar taghhom, jsostnu illi dawn kienu gew kollha mhallsu lura minnhom u ghalhekk illum m'ghad baqaghlhom xejn aktar x'jaghtuhom .

L-atturi pproducew bhala prova tal-hlasijiet kollha maghmula minnhom, l-ircevuti tal-pagamenti lid-diversi *suppliers,* kuntratturi u haddiema, mmarkati minn Dok. 1 sa Dok. 15 a fol. 5 - 26 tal-process . Ma' dawn esebew ukoll l-ircevuti l-ohra li kellhom fil-pussess taghhom dwar pagamenti maghmula mill-konvenut stess minn flus proprji tieghu (Dokti. 16 sa 45 a fol. 27 –56) . Dawn il-pagamenti kollha, sew jekk maghmula minn flus moghddija mill-atturi, kif ukoll jekk saru minn flus proprji tal-

konvenut, gew anke registrati fuq *notebook* mizmum mill-istess atturi (Dok. 47 mizmum f'*envelope* a fol. 57) . F'dan ir-registru nsibu fil-parti ta' quddiem, taht it-titlu "Purpose of Expenditure", rendikont tal-pagamenti kollha li skond l-atturi saru in konnessjoni mad-dar il-gdida tal-konvenuti . Apparti l-hlasijiet li saru mill-atturi biex inxtrat il-*plot* li fuqha nbniet l-istess dar,flus li taghhom pero' qatt ma talbu r-rifuzjoni minghand il-konvenuti, gew registrati total ta' hamsa u ghoxrin elf u tliet mitt lira (Lm25,300) bhala spejjez biex tlestiet din id-dar .

Il-konvenuti da parti taghhom ukoll zammew rendikont ta' l-ispejjez kollha nkorsi sabiex tlestiet id-dar taghhom . Kopja fotostatika ta' dan ir-rendikont giet esebita fl-atti processwali (Dok. LS. 2 a fol. 203 – 207) . Skond dan ir-rendikont mbaghad, jidher li ntefqu total ta' seba' u ghoxrin elf sitt mija u erbatax-il lira maltija (Lm27,614) . Jidher ghalhekk li hemm diskrepanza ta' mhux anqas minn elfejn u tliet mitt lira maltija (Lm2300) bejn iz-zewg rendikonti . Loreto Spiteri spjega kif l-ircevuti kollha, anke dawk li jirrigwardaw hlasijiet li saru minn flus tieghu, kienu jinsabu f'idejn iz-zijiet tieghu ghaliex huwa ma kellhux residenza fissa sakemm tlesta l-bini l-gdid . Madankollu jirrizulta minn ezami akkurat li ghamlet il-Qorti ta' dawn iz-zewg rendikonti, li saru xi pagamenti ohra mill-konvenuti li taghhom ma gewx esebiti ircevuti . Jirrizulta wkoll illi l-ircevuti, indipendement minn min sar il-pagament relattiv jew attwalment hareg il-flus ghalihom, huma kollha ntestati f'isem il-konvenut Loreto Spiteri .

Ghalhekk, ghalkemm l-istess ircevuti huma prova sodisfacenti tal-pagamenti kollha li saru, minnhom nfushom pero' ma jaghtu ebda hjiel ghas-soluzzjoni tal-problema li ghandha din il-Qorti quddiemha . Il-konvenuti (ara xhieda Loreto Spiteri 16.8.95) jammettu illi l-atturi kienu ghaddewlhom il-flus sabiex isiru l-hlasijiet segwenti :

1. lil kahhal Paul Muscat fit-18.12.1991 : Lm1100; (pero' mid-Dok. 1 a. fol. 5 jidher illi l-hlas kien ta' Lm1500 u sar fit-8.10.91) ;
2. lil Attard Marbles tal-irham fit-28.2.92: Lm1600; (mid-Dok. 4 a fol. 7 jidher ukoll illi l-hlas kien tassew ta' Lm1600 u sar fid-data ndikata) ;
3. lil Joseph Rapa ta' l-*aluminium* fid-29.6.92 : Lm2188; (mid-Dok. 14 a fol. 24 – 25 jidher illi l-hlas kien tassew ta' Lm2188 u sar f'dik il-gurnata) ;
4. lil Caruana & Cini ghall-kmamar tal-banju u madum fis-6.6.92: Lm2180; (mid-Dok. 13 a fol. 22 – 23 jidher illi dan il-hlas tassew sar fil-jum indikat) ;
5. lil Carmelo Camilleri & Sons ghall-poggaman: Lm1350; (mid-Dok. 15 a fol. 26 jirrizulta li dan il-pagament sar fis-17.7.92) ;

-b'kollox total ta': tmint'elef erba' mija u tmintax-il lira maltija (Lm8418), li jikkontendu li saret ir-rifuzjoni taghhom lill-atturi, l-ewwel permezz ta' pagament ta' elf lira maltija (Lm1000) fis-27.12.92, u l-bqija permezz ta' *bankdraft* fis-somma ta' sebat'elef erba' mija u tmintax-il lira maltija (Lm7418) . Iz-zewg nahhat jaqblu li attwalment saru dawn il-pagamenti.

Infatti l-atturi stess isemmuhom fic-citazzjoni taghhom . Jibqa' madankollu kontestat l-ammont li l-atturi jikkontendu li l-konvenuti ghad iridu jirrifondulhom, u cioe' s-somma ta' Lm17476 – Lm8418 = Lm9058, li huwa appuntu l-ammont indikat fl-istess citazzjoni bhala li ghadu dovut .

Fid-depozizzjoni taghhom il-konvenuti riedu jaghmlu enfasi kbira fuq il-fatt illi huma ma kienux bzonn il-flus, u infatti esebew diversi *statements* u dokumenti ohra sabiex jipprovaw kemm kienu ttrasferew flus minn barra meta kienet qed tinbena d-dar taghhom (Dokti. LS u LS. 1) . Jispjegaw ukoll kif l-atturi offrewlhom li jsellfuhom il-flus biex jaghmlu diversi pagamenti, wara li huma urew il-preokkupazzjoni taghhom li ma jixtiequx jisfrattaw l-investimenti esteri li kellhom u jitilfu l-imghax taghhom qabel id-data ta' l-iskadenza rispettiva .

Il-perit legali rinfaccat ukoll b'din id-dilemma ta' lil min mill-partijiet ser jaqbad jemmen, u wara li sabiex jispjega l-importanza tal-principju ewlieni f'kull kawza civili li *actore non probante reus absolvitur,* jiccita minn gurisprudenza u dottrina dwar id-dover sagrosant ta' l-attur li jipprova dak li qed jallega, jirrakkomanda illi s-soluzzjoni ta' din il-kawza tinsab fid-depozizzjoni tar-reverendu Christopher Farrugia . Patri Farrugia li kien midhla sew tal-kontendenti, mtella' biex jixhed mill-atturi, spjega kif fl-okkazjoni tat-tberik tad-dar il-gdida tal-konvenuti fit-3 ta' Marzu 1993, wara li d-diskors kien waqa' fuq id-dejn li kellu l-Kunvent ta' Sant'Antnin t'Ghajnseilem, minhabba xogholijiet ta' *refurbishment* li kienu saru u ssemmiet ic-cifra ta' sbatax-il elf lira (LM17,000), Loreto Spiteri kien ammetta fil-prezenza tieghu u ta' l-atturi li bhall-patrijiet kellu dejn ukoll fl-istess ammont (ara xhieda Patri Christopher Farrugia a fol. 187 u 188) .

Dwar din ix-xhieda meqjusa daqstant importanti mill-perit legali, Dottor Alfred Grech jirrelata bil-mod segwenti :

> **"Izda mbaghad l-atturi pproducew lil Patri Christopher Farrugia tal-Ordni Frangiskan li xehed li l-konvenut kien ammetta mieghu fl-okkazjoni li dan mar ibierek id-dar ta' Loreto Spiteri l-konvenut. Dakinhar Fr. Farrigia jghid li l-konvenut qal li kien baqaghlu jhallas Lm17000 dejn . Din hija ammissjoni da parti tal-konvenut u skond il-principji enuncjati fuq hija ammissibbli bhala xhieda . Fr. Farrugia jghid li d-diskors kien sar quddiem l-atturi u l-mara tal-konvenut . Il-konvenuti jinnegaw din ic-cirkostanza izda mhux il-fatt li Fr. Farrugia mar effettivament iberkilhom id-dar . Il-kwistjoni hi, x'piz ghandu wiehed jaghti lix-xhieda ta' Fr. Farruigia . Fr. Farrugia kien precisissimu f'dak li qal. Ftakar id-data ezatta u abbinaha ma avvenimenti mportanti li kien ghaddej minnhom huwa stess . Id-data tat-3 ta' Marzu 1993 baqghet stampata f'mohhu ghaliex kien qed jaqra biex jipprepara ghall-ezercizzi . Avveniment bhal dak fil-hajja ta'**

> **qassis mhux solitu u ta' kuljum u allura verosimili hafna li dak il-qassis jibqa' jiftakar dik id-data . Kien preciz ukoll fl-ammont imsemmi: sbatax-il elf lira Maltija . Kien facli li jiftakru ghaliex siehbu l-Gwardjan tal-kunvent, kellu jissellef somma simili minghand il-Prokuratur tal-Provincja, sabiex ikun jista' jkompli xoghol ta' rikostruzzjoni u restawr fil-kunvent . Fl-affidavit tieghu Fr. George Bugeja jikkonferma precizament dan . Is-sottoskritt ihoss li x-xhieda ta' Fr. Christopher Farrugia in kwantu fiha ammissjoni tal-konvenut fl-ammont li ghandu jaghti lill-atturi, u cioe' fis-somma ta' sbatax-il elf lira maltin bhala veritiera u valida . Bhala tali ghandha ghalhekk isservi ta' prova, fin-nuqqas ta' prova ohra tal-ammont li ghandu jaghti l-konvenut lill-atturi"** (ara relazzjoni a fol. 155-156) .

Jirrizulta ghalhekk illi l-perit legali bbaza l-konkluzjonijiet tieghu fuq din l-ammissjoni tal-konvenut Loreto Xuereb . Il-Baudry-Lacantinerie jiddefinixxi "l-ammissjoni" b'dan il-mod:

> "**In un senso generico, la confessione e' ogni ricognizione, fatta da una persona, della verita' di una qualunque allegazione diretta contro di essa . Ma la legge prende questa parola in un senso piu' speciale; da questo punto di vista, la confessione e' stata definita molto esattamente :** ***una dichiarazione con la quale una persona riconosce per vero e da ritenersi come avverato nei suoi rapporti un fatto di natua tale che produrre contro di essa delle conseguenze giuridiche"*****.**

(Delle Obbligazioni VOL. IV Delle Prove #2701) .

Il-Laurant (Principii di Diritto Civile Vol. XX) da parti tieghu jaghmel distinzjoni dwar it-tip ta' ammissjoni :

> **"….. la confessione che si eccepisce contro una delle parti puo' essere giudiziale o stragiudiziale . Notevole e' la differenza fra l'efficacia probatoria dell'una e dell'altra . Tuttavia, nella sua essenza, la confessione costituisce lo stesso fatto giuridico, dovunque abbia avuto luogo . Dobbiamo quindi vedere anzitutto qual sia la natura della confessione in generale . Pothier definisce la confessione giudiziale come segue :** ***"la confessione di un fatto che la parte emette dinnanzi al magistrato che l'interroga e ne da' atto"*** *(# 155)* .

Fil-kaz in ezami pero' tinteressana aktar id-definizzjoni tal-*confessione stragiudiziale* billi, jekk ghandha titwemmen ix-xhieda ta' Fr. Christopher Farrugia, dak li suppost qal il-konvenut qalu barra l-Qorti u qabel ma giet istitwita din il-kawza . Infatti l-Laurant jaghti din id-definizjoni ta' dan it-tip ta' prova :

> **"La confessione stragiudiziale e' quella che si fa fuori di giudizio . Puo' essere scritta o verbale ….. la confessione orale puo' essere provata per testi nei casi in cui la legge ammette la prova testimoniale per dimostrare il fatto che forma oggetto della confessione medesima . Fuori di questi casi, non sara' lecito invocala"** (op. cit. # 217) .

Infatti f'dan is-sens ukoll kienet is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ("Joseph Mary Vella et. vs. Kummissarju tal-Pulizija et. Kollez. Vol. LXII. I. 1) iccitata mill-perit legali fir-relazzjoni tieghu :

> ***"… il-principju generali li jirregola l-materja tal-hearsay evidence jinsab stabilit fl-artikolu 598(I) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili fejn jinghad li "bhala regola l-Qorti ma tiehux qies ta' xhieda dwar fatti li x-xhud jghid li gie jafhom minghand haddiehor jew li qalhom haddiehor li jista' jingieb biex jaghti xhieda fuq dawk il-fatti" . Ghal dan il-principju l-ligi stess taghmel diversi eccezzjonijiet fl-artikolu 599 tal-imsemmi Kodici fejn jinghad inter alia illi "l-Qorti tista' skond c-cirkostanzi, tippermetti xhieda fuq kliem haddiehor u tiehu qies taghhom meta dan l-istess kliem haddiehor ikollu,fih innifsu,importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawza jew jaghmel parti mill-mertu inkella meta haddiehor ma jistax jingab biex jixhed u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistghu jigu ppruvati sewwa xort'ohra …"***

Fil-fehma tal-Qorti hawnhekk ghandna kaz klassiku fejn dawn il-principji ghandhom jigu applikati . L-atturi ma jistghux jippruvaw il-pretensjonijiet taghhom jekk din ix-xhieda ta' Fr. Christopher Farrugia, ghalkemm tirreferi ghal dak li sema' l-konvenut jghid, u ghalhekk strettament *detto del detto*, ma tittiehidx in konsiderazzjoni fil-valutazzjoni tac-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz . Huwa minnu illi l-konvenuti, ghalkemm jammettu l-okkazjoni ta' meta Patri Chistopher mar iberkilhom id-dar il-gdida, jichdu illi qatt irreferew ghal xi dejn li kellhom quddiemu . Fin-nota ta' l-osservazzjonijiet taghhom jargumentaw ukoll illi dakinhar zgur li ma kienux ser isemmu sbatax il-elf lira (Lm17,000) dejn, meta tliet xhur qabel kienu ghadhom kemm ghamlu pagament lill-atturi ta' elf lira (Lm1000) . Fil-kawza "Carmelina Vella et. vs Anthony Borg noe. et. (Vol. LXXVIII. II. Sez. I) insibu jinghad illi …

> "*... l-interuzzjoni, kif ukoll ir-rinunzja ghall-preskrizzjoni, javveraw ruhhom ukoll meta r-rikonoxximent ma jkunx sar fil-konfront ta' dejn likwidu . Dana jigri meta jkun sar rikonoxximent ta' l-obbligu tal-hlas izda ma jkunx sar rikonoxximent ta' l-obbligu tal-hlas ta' somma ta' flus determinata u specifikata . Infatti, huwa accettat fil-gurisprudenza u fid-dottrina, illi rikonoxximent jista' jkun ukoll* illiquido *kif isejjahlu l-Giorgi"* (ara ukoll Kollez. Vol. XXXIV. II. 742) .

Fil-fehma ta' din il-Qorti ghalhekk il-fatt li, skond Patri Farrugia, l-konvenut qal li huwa wkoll kellu dejn ta' sbatax-il elf lira (Lm17,000) ma jfissirx bilfors li kien qed jammetti li kellu jaghti ezattament din is-somma, imma semplicement li kellu dejn simili . Ftit mijiet ta' liri 'l hawn u 'l hemm ma kienu ser jaghmlu l-ebda differenza ghall-preokkupazzjoni li l-partijiet f'dik il-konversazzjoni jidhru li kellhom dwar l-ispejjez kbar involuti fix-xogholijet tal-bini .

Hekk ukoll il-Qorti ma ssib ebda raguni ghaliex ghandha tiddubita mill-kredibilita' tax-xhieda ta' Patri Farrugia f'dan ir-rigward . Ix-xhud huwa ghal kollox estranju u dizinteressat ghall-kwistjoni li nqalghet bejn il-kontendenti.Il-fatt li l-kunvent ta' Sant'Antnin verament kellu dejn fic-cirfa msemmija gie anke korroborat bix-xhieda tal-Provincjal Fr. Bernard Bartolo ( ara affidavit tieghu a fol. 255) . Hekk ukoll Patri Christopher ma kellu ebda mezz ikun jaf x'dejn seta' kellhom il-konvenuti, u ghalhekk ma setghax qabad u vvinta cifra li kumbinazzjoni kienet tikkorrispondi bejn wiehed u iehor ghall-ammont li kienu sellfuhom l-atturi .

Ghalkemm il-konvenuti jikkontendu wkoll fin-Nota tal-Osservazzjonijiet taghhom illi anke jekk kellu jigi accettat illi tassew f'dik l-okkazjoni tat-tberik issemma li kellhom id-dejn, dan sar in generali u lanqas l-istes Patri Farrugia ma semma li saret xi referenza ghal xi kreditur partikolari . Imma mir-registru mizmum mill-atturi, u anke mill-istess rendikont tal-konvenuti (a fol.205 -207 ) jirrizulta illi l-ahhar pagamenti kienu saru f'Lulju tas-sena elf disa' mija u tnejn u disghin (1992) u ghalhekk disa' xhur qabel id-data tat-tberik . Zgur ghalhekk illi dejn mas-*suppliers* u kuntratturi li hadmu fid-dar tal-konvenuti dakinhar tad-tberik ma kienx ghad baqa' . Hekk ukoll ma saret ebda referenza ghal xi kredituri ohra li l-konvenuti seta' kien ghad baqalhom jiehdu minghandhom . Id-dejn ta' Lm17,000 ma seta' ghalhekk jirreferi ghal xejn aktar hlief ghal dak li kellhom ma' l-atturi .

F'tali cirkostanzi ghalhekk il-Qorti thoss illi ghandha taqbel mal-konkluzjonijiet peritali fis-sens illi l-ammissjoni tal-konvenut, fil-prezenza ta' Patri Farrugia u l-istess atturi, ghandha tittiehed bhala prova konvincenti tad-dejn li kellu sa dakinhar maghhom . Tali prova, flimkien mal-korrettezza tal-kontijiet mizmuma mill-atturi, li hadu hsieb jirregistraw b'daqstant precizjoni l-pagamenti kollha li saru fl-interess tal-konvenuti sabiex inbiet id-dar taghhom, iwassluha ghall-konvinciment morali li ghandhom ragun fit-talbiet taghhom . Kif gia nghad aktar 'l fuq hemm qbil bejn il-kontendenti li mill-ammont totali ta' Lm17476 sar pagamant ta' Lm8416, biex b'hekk jigi li ghadhom dovuti Lm9058, appuntu c-cifra indikata fic-citazjoni u li taghha l-atturi qed jitolbu r-rifuzjoni . Dawn il-kontijiet kollha gew ikkorroborati bid-diversi dokumenti esebiti u li gia saret ampja referenza ghalihom, u ghalhekk il-Qorti ma ssib ebda diffikolta' sabiex taccettahom bhala verosimili.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi l-kawza, billi tilqa' t-talbiet attrici u :

(i) tiddikjara lill-konvenuti debituri fil-konfront ta' l-atturi fl-ammont ta' disat elef tmienja u hamsin lira maltija (Lm9058), u konsegwentement

(ii) tikkundannahom ihallsu lill-atturi din l-istess somma .

Bl-ispejjez u bl-interessi legali fuq din is-somma b'effett mid-data tan-notifika ta' l-ittra tat-22 ta' Frar 1994 sad-data tal-pagament effettiv, kollox kontra l-konvenuti .

Magistrat

Deputat Registratur

S4894G1(PC)
2638

(ft) Paul Coppini
Magistrat

(ft) Francis Attard
Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur
S4894G1(Pc)